Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 256/2018 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI IPPREŻENTATA TAĦT L-ARTIKOLU 166A TAL-KAP. 12 BIN-NUMRU 1053/2018 FL-ISMIJIET: CARMELO BIANCO (ID. 44368M) GĦAN-NOM TAS-SOĊJETA WESTERN CO LIMTIED V. JESMOND ARNAUD (ID. 420270M) U JOSEPHINE GENUIS (ID. 246471M)

(REVOKA TA' ITTRA UFFIĊJALI MAĦRUĠA TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 – KAP. 12 ART. 166A(5))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**23 ta' Novembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Jesmond Arnaud ("ir-rikorrent") ippreżentat fit-2 ta' Novembru 2018,

wara li kkunsidrat ir-risposta ta' Western Company Ltd ("il-kumpanija intimata") ippreżentata tramite ir-rappreżentant tagħha Carmelo Bianco fis-16 ta' Novembru 2018,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-ittra uffiċjali li tagħha qed tintalab ir-revoka u ċioe l-ittra uffiċjali li l-kumpanija intimata intavolat kontra r-rikorrent fil-21 ta' Mejju 2018 u li ġġib in-numru uffiċjali 1053/2018[1],

[1] Fol 10

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta b’effett mill-10 ta’ Mejju 2019,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Carmelo Mifsud Bonnici
- tal-kumpanija intimata, mill-Avukat Dr. David Camilleri,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Atti promoturi

1. Ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi “*prevja kull provvediment li tħoss opportuna li tagħti, li tiddikjara u tiddeċiedi ai termini tas-sub-artikolu ħamsa (5)(i) tal-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li n-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali hija rrita u nulla u konsegwentement tirrevoka t-titolu eżekuttiv msemmi*”.

2. Il-kumpanija intimata min-naħa tagħha ddefendiet ruħha b’mod ġeneriku billi wieġbet illi qed “*topponi għat-talba ta' Jesmond Arnaud kif kontenuta fir-rikors tat-2 ta' Novembru 2018 u dan stante illi m'huwiex minnu illi Jesmond Arnaud ma ġiex notifikat kif imiss bl-ittra uffiċjali de quo u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors*”

### Provi

3. Ir-rikorrent **Jesmond Arnaud** xehed fl-24 ta’ Jannar 2019 illi huwa qatt ma’ rċieva l-ittra uffiċjali in kwistjoni. Spjega illi huwa ma’ joqgħodx fl-indirizz “*52, Flat 1, Triq l-Oratorju, Bormla*” u filfatt hija l-*ex-partner* tiegħu Josephine Genuis li toqgħod hemm. Ikkonferma ukoll illi l-firma fuq il-*pink card* relattiva għan-notifika tal-ittra uffiċjali lilu m’hijiex tiegħu[2].

4. **Josephine Genuis**, li tiġi waħda mill-intimati (bl-ieħor ikun ir-rikorrent Jesmond Arnaud) fl-atti tal-ittra uffiċjali msemmija, xehdet fis-7 ta’ Marzu 2019 illi r-rikorrent Arnaud jiġi missier it-tfal tagħha u li kienu ilhom ħames (5) snin li nfirdu.

---

[2] Kopja esebita a fol 12 tal-proċess

Hija tikkonferma illi rċeviet xi karti mingħand Carmelo Bianco (għall-kumpanija intimata) li hi kienet pronta għaddiet personalment lir-rikorrent:

*"Missier it-tfal qed jghid li jiena l-karti ta' Charlie ma tajthomlux id-dar, meta jiena qbadthom u tajthomlu d-dar tieghu l-karti li kien taghni Charlie. Igifieri hu ... jien f'idu tajthomlu l-karti"*

Ix-xhud reġa sostniet illi dawn il-karti kienet rċeviethom mingħand *"Charlie"* sabiex imorru ikellmuh u li marixxal id-dar tagħha qatt ma' ġie. Ftit iktar tard fix-xhieda tagħha hija xehdet ukoll però illi hija kienet rċeviet l-ittra uffiċjali in kwistjoni u li kienet għaddietha direttament lir-rikorrent Arnaud.

Spjegat ukoll kif ġewwa l-bini tal-Qorti r-rikorrent Arnaud kien qalla sabiex ma' tgħidx fil-Qorti illi hija kienet għaddietlu dawn il-karti. Ikkonfermat ukoll illi l-indirizz tar-rikorrent huwa 31, Jesmar, Triq il-Hlantun, Safi filwaqt li tagħha huwa Flat 1, 52, Oratorju Street, Bormla.

5. **Carmelo Bianco** ossia' r-rappreżentant tal-kumpanija intimata xehed fl-20 ta' Ġunju 2019 illi xi xahrejn wara li ppreżenta l-ittra uffiċjali huwa kien kellem lir-rikorrent Arnaud u lil Josephine Genuis flimkien:

   *"rigward jekk gewx notifikati iva, ahna mhux ser nghid, il-partijiet ahna t-tnejn kellimnihom li kellhom l-ittri f'idejhom u hu wiehed minnhom beda jgib l-iskuza Jesmond Arnaud li hu ma rcevihiex, li m'ghadux mal-partner li kellu, u l-partner tieghu wkoll ikkonfermatilna lilna ghax kellimniha quddiemu fejn hi ghaddietlu l-kopja wkoll minbarra li ghaddejnielu photocopy ahna tal-ittra ufficjali. Imbaghad qalli peress li qed noqghod band'ohra ghax jien ma gejtx innotifikat ghidtlu mur ghand avukat taf x'ghandek miktub, mhux ha nghidlu ghamel hekk jew ghamel hekk."*

6. Mill-bqija l-provi l-oħra li nġiebu kienu irrilevanti għall-kawża odjerna peress illi jitrattaw is-suġġett tal-ittra uffiċjali in kwistjoni iżjed milli l-proċedura nnifisha illi wara kollox hija dik li qed tiġi attakkata permezz ta' din il-kawża.

**Liġi**

7. Skond l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

   *'Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u*

*bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*

*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew*
*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ...'*

8. Ir-rikorrent Arnaud qed jinvoka s-subinċiz (1) tal-Art. 166A(5) billi skond hu ma' kienx jaf bl-ittra uffiċjali għaliex ma' kienx ġie notifikat kif imiss.

**Notifika kif imiss**

9. Rigward kif għandha ssir in-notifika l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi din tista' ssir:

    1. Bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura direttament lill-persuna li għandha tirċevieha u dan irrispettivament minn fejn tinstab din il-persuna, jew

    2. Billi l-kopja titħalla fil-lok fejn (i) toqgħod, jew fejn (ii) taħdem, ma' persuna oħra (i) li tkun fis-servizz tal-persuna li għandha tirċevieha, jew (ii) li tkun il-prokuratur tagħha, jew (iii) li tkun awtorizzata minn dik il-persuna sabiex tirċievi l-posta tagħha. L-important però huwa illi l-kopja ma' tistax titħalla f'idejn persuni ta' inqas minn 14-il sena jew f'idejn persuni li jkollhom diżordni mentali jew kundizzjoni li tagħmilhom inkapaċi li jixhdu fuq in-notifika in kwistjoni.

10. L-Artikolu 187(8) tal-Kap. 12 jipprovdi imbagħad li n-notifiki "*jistgħu ukoll isiru minn uffiċjali tal-Posta b'dak il-mod u skont dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali skont kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna b'avviż fil- Gazzetta*".

11. Fir-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12) jingħad fost affarijiet oħra illi:

- In-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi mpustata[3]

- Meta n-notifika tkun ser issir bil-posta, l-uffiċjali eżekuturi tal- qrati għandhom:

    - iħejju d-dokumenti postali meħtieġa għal dik in-notifika, u jippreżentaw l-envelopp relattiv bl-iskrittura magħluqa ġewwa fih fl-uffiċċju tal-posta;
    - jinnotaw f'reġistru miżmum għal hekk, il-partikolaritajiet fl-att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 174 tal-Kodiċi, id-data tal-preżentata fir-reġistru u n-numru ta' l-uffiċċju tal-kaxxier tar-reġistru immarkat fuq l-att ġudizzjarju, in-numru mogħti mill-awtoritajiet tal-posta lill-envelopp li fih ikun ġie magħluq l-att ġudizzjarju biex jiġi impustat, u, jekk in-notifika tkun saret, id-data ta' dik in-notifika u d-data meta jiġi lura l-avviż tal-konsenja;
    - jagħmlu ċertifikat fejn jingħad jekk in-notifika saritx jew le u li fih għandhom jidħlu wkoll il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 188 tal-Kodiċi;
    - jgħarrfu lill-parti li tippreżenta l-iskrittura, jew lill-avukat jew prokuratur legali tagħha, jekk in-notifika tkunx saret jew le, u jekk tkun saret, meta.[4]

12. Matul iż-żminijiet żviluppat prassi fejn malli l-kumpanija Maltapost p.l.c. tirċievi att ġudizzjarju mill-Qorti sabiex jiġi notifikat bil-posta, tiġi mimlija karta uffiċjalment bl-isem ta' "Avviz ta' Kunsinna ta' Ittra Reġistrata mibgħuta mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali) magħrufa ukoll bħala l-*pink card,* li tkun imwaħħla mal-envelop innifsu u li fiha apparti d-dettalji u l-indirizz tal-persuna li għandha tirċevieha jkollha ukoll post fejn tista' tiġi ffirmata mid-destinatarju u mill-uffiċjal tal-posta li jmur biha kif ukoll indikazzjoni ta' jekk l-att ikunx ġie imqassam jew le. Din il-*pink card* imbagħad tintbagħat lir-Reġistratur meta l-uffiċjal eżekutur jkun jista' jħejji r-riferta relattiva skond l-informazzjoni li jsib fuq din il-*pink card.*

[3] Art. 3(1) tar-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12)
[4] Art 5 *ibid*

13. F'dan il-każ jidher illi l-ittra uffiċjali inħarġet lir-rikorrent Jesmond Arnaud fl-indirizz 52, Flat 1, Triq l-Oratorju, Bormla u lil Josephine Genuis fl-indirizz 31, Jesmar, Triq il-Ħlantun, Safi. Prova importanti, għalkemm mhux konklussiva, ta' fejn tkun tirrisjedi persuna hija l-aħħar edizzjoni tar-Reġistru Elettorali. Għalkemm din il-prova ma' nġabietx fil-kors ta' din il-kawża madanakollu l-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita illi r-rikorrent Arnaud filfatt jgħix fl-indirizz 31, Jesmar, Triq il-Ħlantun, Safi mentri Josephine Genuis tgħix fil-fond 52, Flat 1, Triq l-Oratorju, Bormla. Jidher ċar għalhekk illi kien hemm żball fl-abbozzar tal-ittra uffiċjali meta l-indirizzi tal-intimati ġew maqluba, x'aktarx bi żvista. Jidher ċar ukoll dak li ġara wara u ċioe: fl-24 ta' Mejju 2018 l-uffiċjal tal-posta Shaznay Bondin marret bil-kopja tal-ittra uffiċjali **indirizzata lil Jesmond Arnaud ġewwa l-fond ta' Josephine Genuis** u meta sabet lill-istess Genuis dina aċċettata u ffirmat għaliha. Fid-29 ta' Mejju 2018 imbagħad kien imiss lil uffiċjal tal-posta ieħor Brian Sciriha sabiex imur bit-**tieni** kopja tal-ittra uffiċjali, **indirizzata lil Josephine Genuis fil-fond ta' Jesmond Arnaud,** u jidher illi din l-ittra kienet aċċettata minn persuna li ffirmat bl-isem ta' Josephine Genuis. Jidher però illi din il-firma ma' taqbilx mal-firma l-oħra ta' Josephine Genuis u l-Qorti għandha d-dubji kemm fil-verita' kienet hi li rċevietha.

14. Hu x'inhu jirriżulta lill-Qorti illi l-ittra uffiċjali indirizzata lir-rikorrent Arnaud ġiet indirizzata b'mod żbaljat lil Josephine Genuis, u vice-versa u għaldaqstant in-notifika lilu ċertament li ma' saritx kif imiss. Il-Qorti hija konvinta, minn dak li xehdet l-istess Genuis u mix-xhieda ta' Carmelo Bianco, illi r-rikorrent kien effettivament ġie mgħoddi kopja ta' din l-ittra uffiċjali. Il-Qorti m'għandha l-ebda prova quddiemha tad-data preċiża meta l-kopja ġiet mgħoddija lir-rikorrent Arnaud. Madanakollu anke li kieku ġie b'xi mod ippruvat illi l-ittra ġiet mgħoddija lir-rikorrent minn Josephine Genuis, f'data partikolari, dan ma' kienx ikun jfisser b'daqshekk li r-rikorrent ġie notifikat bl-ittra skond il-liġi.

**In-natura ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12**

15. L-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A hija att ġudizzjarju *sui generis* li għandha konsegwenzi drastiċi u mhijiex sempliċiment interpellazzjoni għall-ħlas għaliex fin-nuqqas ta' opposizzjoni entro t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata min-notifika l-ittra nnifisha ssir titolu eżekuttiv. Huwa għalhekk illi l-leġislatur ħaseb għal sitt kriterji tassattivi li għandhom jiġu sodisfatti mill-kreditur fil-ħruġ ta' din l-ittra u dan taħt piena ta' nullita' jekk xi waħda minn dawn il-kriterji ma' jiġux osservati skrupolożament. Dawn il-kriterji huma:

1. L-interpellanza trid tkun għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut li ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).. B'eċċezzjoni għal din il-kriterju, il-kreditur li jkollu dejn li ma' jkunx għadu likwidat jista' ukoll jintavola l-pretensjoni tiegħu permezz ta' din l-ittra uffiċjali diment illi jillimita l-pretensjoni għal ammont li ma' jeċċedix €25,000 u jirrinunzja b'mod espress għal kull dejn li jeċċedi din is-somma.[5]

2. L-ittra uffiċjali għandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Avviż Legali 278 tal-2005 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22) u ċioe fl-ittra innifisha għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż segwenti: "*Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.*"[6]

3. L-ittra uffiċjali għandha tkun kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur[7].

4. L-ittra uffiċjali għandha tiġi notifikata kif imiss lid-debitur[8].

5. Fl-ittra għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.[9]

6. Fl-ittra għandu ikun hemm intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin (30) jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.[10]

---

[5] Kap. 12, Art. 166A(1)
[6] Kap. 12, Art. 166A(2)
[7] Kap. 12, Art. 166A(2)
[8] Kap. 12, Art. 166A(5)(i)
[9] Kap. 12, Art. 166A(2)
[10] Kap. 12, Art. 166A(3)

**Nullita tal-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża**

16. Kif ingħad diġà jirriżulta lill-Qorti illi waħda minn dawn il-kriterji, sewwasew dik illi d-debitur jrid jiġi notifikat kif imiss, ma' ġietx sodisfatta mill-kreditur ossia' mill-kumpanija intimata fil-ħruġ tal-ittra uffiċjali in kwistjoni u għalhekk din hija nulla u sejra tiġi revokata mill-Qorti.

17. Il-Qorti però ma' tistax tieqaf hawn. Kif ingħad minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet: **Carmelo Bianco sive Charles ghan-nom tas-Socjeta' Western Company v.Terence Farrugia** (ECLI:MT:CIV:2018:113355, Maġistrat Rachel Montebello, deċiża 26 ta' Settembru 2018):

*"kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli proċedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament ... F'kull kaz, billi l-eccezzjoni* (ta' nullita) *hija wahda ta' ordni pubbliku, in-nullita` ta' att gudizzjarju jista' jigi sollevat ex officio mill-qorti nnifisha u dan, f'kull kaz, oltre ghas-setgha ta' din il-Qorti ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12."*

18. Minn eżami tal-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża jirriżulta lill-Qorti illi din ma' tissodisfax tal-inqas żewġ kriterji oħra tassattivi:

- Fl-avviż taħt l-intestatura tal-Qorti huma nieqsa l-kliem "*Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali*". Din l-intimazzjoni hija kruċjali u warajha hemm il-ħsieb tal-leġislatur illi l-persuna li tirċievi l-ittra uffiċjali tintebaħ, jekk hemm bżonn b'ċertu allarm, illi l-ittra li għandha f'idejha mhijiex ittra komuni, imma hija ittra li jeħtieġ li biha jmur minnufih għand professjonist legali sabiex jieħu l-parir meħtieġ u tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

- Fil-korp tal-ittra għalkemm hemm avviż lid-debitur illi jekk ma' jweġibx fi żmien tletin ġurnata l-ittra ssir titolu eżekuttiv, madanakollu ma' hemmx indikat **kif** din l-ittra għandha tiġi mwieġba u ċioe "*billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali*"

19. Għalhekk il-Qorti hija fid-dmir li apparti li tilqa' t-talba tar-rikorrent għad-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-ittra uffiċjali fuq il-bażi li din ma' ġietx notifikata lilu kif

suppost, tqajjem ukoll *ex officio* in-nullita' tal-istess ittra fuq il-bażi illi ma' kienetx tissodisfa l-ħtiġijiet kollha stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) tal-Art. 166A.

**Deċiżjoni**

20. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiddikjara nulla u bla effett u tirrevoka l-ittra ġudizzjarja bin-numru 1053/2018 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan ai termini tal-Art. 166A(5)(i) u Art. 166A(5)(ii) tal-istess kapitolu. L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-kumpanija intimata Western Company Limited.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur